

## I

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

**REGOLAMENT Nru 1893/2006 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' l-20 ta' Diċembru 2006**

**li jstabbilixxi l-klassifikazzjoni ta' l-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi ta' l-istatistika**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew <sup>(1)</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat <sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 <sup>(3)</sup> stabbilixxa l-klassifikazzjoni ta' l-istatistika fir-rigward ta' attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (aktar 'il quddiem magħrufa bħala "NACE Rev. 1" jew "NACE Rev. 1.1").
- (2) Sabiex ikun rifless l-iżvilupp teknoloġiku u t-tibdil strutturali ta' l-ekonomija, għandha tkun stabbilita klassifikazzjoni aġġornata, li tissejjaħ NACE Reviżjoni 2 (aktar "il quddiem magħrufa bħala NACE Rev. 2").
- (3) Klassifikazzjoni aġġornata bħal ma hi n-NACE Rev. 2 hija ċentrali għall-isforzi li qed tagħmel il-Kummissjoni sabiex tkun modernizzata l-produzzjoni ta' l-istatistika tal-Komunità; din hija mistennija li tikkontribwixxi, permezz ta' data aktar komparabbli u rilevanti, għal governanza ekonomika aħjar kemm fil-livell Komunitarju kif ukoll dak nazzjonali.
- (4) Sabiex jiffunzjona, is-suq intern jehtiegħ normi ta' l-istatistika applikabbli għall-ġbir, it-trażmissjoni u l-pubblikazzjoni ta' l-istatistika nazzjonali u tal-Komunità sabiex in-negozji, l-istituzzjonijiet finanzjarji, il-gvernijiet u l-operaturi l-oħra kollha fis-suq komuni ikollhom aċċess għad-data ta' l-istatistika li tkun fidabbli u komparabbli. Għal dan il-għan, huwa vitali li l-kategoriji varji għall-klassifikazzjoni ta' l-attivitajiet fil-Komunità Ewropea jkunu interpretati b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha.

- (5) Statistika fidabbli u komparabbli hija neċessarja biex tippermetti lin-negozji jistmaw il-kompetittività tagħhom, u hija utli għall-istituzzjonijiet tal-Komunità fil-prevenzjoni ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.
- (6) L-istabiliment ta' klassifikazzjoni komuni riveduta ta' l-istatistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi ma tobbligax lill-Istati Membri biex jiġbru, jipubblikaw jew ifornu d-data. Ikun possibbli li jkun ipprovdut tagħrif integrat bil-fidabbiltà, il-ħeffa, il-flessibilità u l-grad ta' dettal meħtieġ għall-ġestjoni tas-suq intern biss jekk l-Istati Membri jużaw klassifikazzjonijiet ta' l-attivitajiet marbuta mal-klassifikazzjoni tal-Komunità.,
- (7) Għandu jkun hemm provvedimenti sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu, bil-għan li jissodisfaw r-rekwiżiti nazzjonali, jintegraw fil-klassifikazzjonijiet nazzjonali tagħhom kategoriji addizzjonali msejsa fuq il-klassifikazzjoni statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea.
- (8) Il-komparabilità internazzjonali ta' l-istatistika fir-rigward ta' l-ekonomija teħtieġ li l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet tal-Komunità jużaw klassifikazzjonijiet ta' l-attivitajiet ekonomiċi li huma marbuta direttament ma' l-Istandard Internazzjonali ta' Klassifikazzjoni Industrijali ta' l-Attivitajiet Ekonomiċi kollha (ISIC) Rev. 4, kif adottat mill-Kummissjoni ta' l-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (9) L-użu tal-klassifikazzjoni ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità jitlob li l-Kummissjoni tkun meġhuna mill-Kumitat għall-Programm Statistiku imwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom <sup>(4)</sup> partikularment fir-rigward ta' l-eżami ta' problemi li jinħolqu mill-implimentazzjoni tan-NACE Rev. 2, u b'hekk tkun żgurata tranżizzjoni koordinata b'mod sħiħ min-NACE REV. 1 għan-NACE Rev. 2; u, għall-preparazzjoni ta' emendi futuri għan-NACE Rev. 2.

<sup>(1)</sup> ĠU C 79, 1.4.2006, p. 31.

<sup>(2)</sup> Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ottubru 2006 (għadha mhijietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2006

<sup>(3)</sup> ĠU L 293, 24.10.1990, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1.)

<sup>(4)</sup> ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

- (10) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93 <sup>(1)</sup> stabbilixxa qafas komuni għat-twaqqif ta' reġistri ta' l-istatistika dwar in-negozju b'definizzjonijiet, karatteristiċi, ambitu u proċeduri ta' aġġornament armonizzati.
- (11) L-istabbiliment ta' klassifikazzjoni riveduta ta' l-istatistika dwar l-attivitàjiet ekonomiċi jagħmel neċessarja modifika speċifika tar-referenzi għan-NACE Rev. 1 kif ukoll emenda ta' għadd ta' strumenti rilevanti. Għalhekk, jeħtieġ li jkunu emendati l-istrumenti li ġejjin: ir-Regolament (KEE) Nru 3037/90; ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91 tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar it-twaqqif ta' s'tħarriġ fil-Komunità dwar il-produzzjoni industrijali <sup>(2)</sup>; ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 58/97 ta' l-20 ta' Diċembru 1996 dwar statistiċi strutturali kummerċjali <sup>(3)</sup>; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 tad-19 ta' Mejju 1998 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir <sup>(4)</sup>; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/98 tal-25 ta' Mejju 1998 dwar prospetti ta' l-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq <sup>(5)</sup>; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 tad-9 ta' Marzu 1999 li jikkonċerna l-istatistiċi strutturali dwar il-qligħ u dwar l-ispejjeż tax-xogħol <sup>(6)</sup>; ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 November 2002 fuq l-istatistika dwar l-iskart <sup>(7)</sup>; ir-Regolament (KE) Nru 450/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-27 ta' Frar 2003 dwar l-indiċi ta' l-ispejjeż tax-xogħol <sup>(8)</sup>; ir-Regolament (KE) Nru 48/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-produzzjoni ta' statistika Komunitarja annwali rigward l-industrija ta' l-azzar għas-snin ta' riferenza 2003 – 2009 <sup>(9)</sup>; ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 April 2004 dwar l-istatistiċi tal-Komunità fuq is-soċjetà ta' l-informazzjoni <sup>(10)</sup>; ir-Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 <sup>(11)</sup> dwar l-istatistika dwar it-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi <sup>(12)</sup>.
- (12) Għadd ta' strumenti tal-Komunità jeħtieġ li jkunu emendati, skond il-proċeduri speċifiċi li kienu japplikaw għalihom, qabel it-tranżizzjoni għan-NACE Rev. 2, jiġifieri: ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali
- u reġjonali fil-Komunità <sup>(13)</sup>; ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltra fil-Komunità <sup>(14)</sup>; u r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani <sup>(15)</sup>.
- (13) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni <sup>(16)</sup>.
- (14) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħa li temenda jew tissupplimenta n-NACE Rev. 2 sabiex tieħu kont ta' żviluppi teknoloġiċi jew ekonomiċi jew sabiex tallinjah ma' klassifikazzjonijiet oħra ekonomiċi u soċjali. Billi dawn il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament jew billi jissupplimentaw dan ir-Regolament biż-żieda ta' elementi mhux essenzjali ġodda, huma għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- (15) Peress li l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ħolqien ta' standards ta' l-istatistika komuni li jippermettu l-produzzjoni ta' data armonizzata, ma jistax jintlaħaq b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak il-għan.
- (16) Il-Kumitat tal-Programm dwar l-Istatistika kien ikkonsultat.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

TAQSIMA I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

### Suġġett u ambitu

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi klassifikazzjoni komuni ta' l-istatistika fir-rigward ta' l-attivitàjiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejja n-“NACE Rev. 2”. Din il-klassifikazzjoni tiżgura li l-klassifikazzjonijiet Komunitarji

<sup>(1)</sup> ĠU L 196, 5.8.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

<sup>(2)</sup> ĠU L 374, 31.12.1991, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

<sup>(3)</sup> ĠU L 14, 17.1.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

<sup>(4)</sup> ĠU L 162, 5.6.1998, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1503/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 281 tat-12.10.2006, p. 15).

<sup>(5)</sup> ĠU L 163, 6.6.1998, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

<sup>(6)</sup> ĠU L 63 of 12.3.1999, p. 6. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

<sup>(7)</sup> ĠU L 332, 9.12.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 783/2005 tal-Kummissjoni (ĠU L 131, 25.5.2005, p. 38).

<sup>(8)</sup> ĠU L 69, 13.3.2003, p. 1.

<sup>(9)</sup> ĠU L 7, 13.1.2004, p. 1.

<sup>(10)</sup> ĠU L 143, 30.4.2004, p. 49.

<sup>(11)</sup> ĠU L 63 of 12.3.1999, p. 6. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

<sup>(12)</sup> ĠU L 255, 30.9.2005, p. 1.

<sup>(13)</sup> ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1267/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 180 tat-18.7.2003, p. 1).

<sup>(14)</sup> ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 909/2006 tal-Kummissjoni (ĠU L 168, 21.6.2006, p. 14).

<sup>(15)</sup> ĠU L 35, 8.2.2005, p. 23. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 602/2006 tal-Kummissjoni (ĠU L 106, 19.4.2006, p. 10).

<sup>(16)</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Regolament kif emendat bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

huma rilevanti għar-realtà ekonomika u ttejjeb il-komparabilità bejn il-klassifikazzjonijiet nazzjonali, tal-Komunità u internazzjonali u, b'hekk, ta' l-istatistika nazzjonali, tal-Komunità u internazzjonali.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-użu tal-klassifikazzjonijiet għal għanijiet ta' statistika.

#### Artikolu 2

##### Rev. 2 tan-NACE

1. In-NACE Rev. 2 għandha tinkludi:
  - a) l-ewwel livell, li jikkonsisti f'intestaturi identifikati b'kodiċi alfabetiku (taqsimiet),
  - b) it-tieni livell, li jikkonsisti f'intestaturi identifikati b'kodiċi numeriku b'żewġ figuri (diviżjonijiet),
  - c) it-tielet livell, li jikkonsisti f'intestaturi identifikati b'kodiċi numeriku bi tliet figuri (gruppi), u
  - d) ir-raba' livell, li jikkonsisti f'intestaturi identifikati b'kodiċi numeriku b'erba' figuri (kategoriji).
2. In-NACE Rev. 2 hija stipulata fl-Anness I.

#### Artikolu 3

##### Użu tan-NACE Rev. 2

Il-Kummissjoni għandha tuża n-NACE Rev. 2 għall-istatistiċi kollha klassifikati skond l-attivitajiet ekonomiċi.

#### Artikolu 4

##### Klassifikazzjonijiet nazzjonali ta' l-attivitajiet ekonomiċi

1. L-istatistika ta' l-Istati Membri ppreżentata skond l-attivitajiet ekonomiċi għandha tkun prodotta permezz tan-NACE Rev. 2 jew ta' klassifikazzjoni nazzjonali li toħroġ minnha.
2. Il-klassifikazzjoni nazzjonali tista' tintroduċi intestaturi u livelli addizzjonali u tista' tintuża kodifikazzjoni differenti. Kull wieħed mil-livelli, ħlief l-ogħla, għandu jkun jikkonsisti jew fl-istess intestaturi bħal tal-livell ekwivalenti tan-NACE Rev. 2 jew intestaturi li jikkostitwixxu taqsim preċiż tagħhom.
3. L-Istati Membri għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni, għall-approvazzjoni tagħha qabel ma jkunu ppubblikati, l-abbozzi li jiddefinixxu jew jimmodifikaw il-klassifikazzjonijiet nazzjonali tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tikkontrolla l-konformità ta' dawn l-abbozzi mal-paragrafu 2 fi żmien xahrejn. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-klassifikazzjoni nazzjonali approvata lill-Istati Membri l-oħra għall-informazzjoni. Il-klassifikazzjonijiet nazzjonali ta' l-Istati Membri għandhom jinkludu tabella ta' konkordanza bejn il-klassifikazzjonijiet nazzjonali u n-NACE Rev. 2.
4. F'każ ta' inkompatibilità bejn ċerti intestaturi tan-NACE Rev. 2 u l-istruttura ekonomika nazzjonali, il-Kummissjoni tista' tawtorizza Stat Membru sabiex juża aggregazzjoni ta' l-intestaturi tan-NACE Rev. 2 f'settur speċifiku.

Biex iġib awtorizzazzjoni bħal din, l-Istat Membru kkonċernat irid jipprovdi lill-Kummissjoni bit-tagħrif kollu meħtieġ biex

tikkunsidra t-talba tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fi żmien tliet xhur.

Madankollu, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2, din l-awtorizzazzjoni m'għandhiex tintitola lill-Istat Membru kkonċernat biex jissuddividi l-intestaturi aggregati b'mod differenti min-NACE Rev. 2.

5. Il-Kummissjoni għandha, flimkien ma' l-Istat Membru kkonċernat, tirrevedi perjodikament l-awtorizzazzjonijiet mogħtija skond il-paragrafu 4 biex ikun ivverifikat jekk għadhomx iġġustifikati.

#### Artikolu 5

##### Attivitajiet tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni, b'koperazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha tiżgura t-tixrid, iż-żamma u l-promozzjoni tan-NACE Rev. 2, partikularment billi:

- (a) tabbozza, taġġorna u tippubblika noti ta' spjegazzjoni għan-NACE Rev. 2;
- (b) tfassal u tippubblika linji ta' gwida biex l-unitajiet ta' l-istatistika jkunu klassifikati skond in-NACE Rev. 2;
- (c) tippubblika tabelli ta' korrispondenza bejn in-NACE Rev. 1.1 u n-NACE Rev. 2 u bejn in-NACE Rev. 2 u n-NACE Rev. 1.1;
- (d) taħdem sabiex ittejjeb il-konsistenza ma' klassifikazzjonijiet oħra soċjali u ekonomiċi.

#### Artikolu 6

##### Miżuri ta' implimentazzjoni

1. Il-miżuri li ġejjin għall-implimentazzjoni tan-NACE Rev. 2 għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 7(2):
  - (a) deċiżjonijiet meħtieġa f'każ ta' problemi li joħrġu mill-implimentazzjoni tan-NACE Rev. 2, inkluża l-assenjazzjoni ta' l-attivitajiet ekonomiċi f'kategoriji speċifiċi; u
  - (b) miżuri tekniċi li jiżguraw it-tranżizzjoni koordinata bis-sħiħ min-NACE Rev. 1.1 għan-NACE Rev. 2, partikularment fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar qtugħ fis-serji kronoloġiċi, inkluż rappurtaġġ doppju u estrapolazzjoni retroattiva tas-sensjoni kronoloġiċi.
2. Miżuri li jirrigwardaw in-NACE Rev. 2 bil-għan li jemendaw jew jissupplimentaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, li huma mfassla għall-għanijiet li ġejjin, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju imsemija fl-Artikolu 7(3):
  - (a) biex iqisu l-iżviluppi teknoloġiċi jew ekonomiċi; jew
  - (b) biex ikun hemm allinjament ma' klassifikazzjonijiet oħra ekonomiċi u soċjali.
3. Għandu jitqies il-prinċipju li l-benefiċċji mill-aġġornament iridu jkunu akbar mill-ispejjeż għalih, kif ukoll il-prinċipju li

spejjeż u piżijiet addizzjonali jibqgħu flimitu raġonevoli.

#### Artikolu 7

##### Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat tal-Programm dwar l-Istatistika, stabbilit bid-Deċiżjoni 89/382/KEE, Euratom.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandha tapplika l-proċedura stipulata fl-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, u jkun kunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun iffissat għal tliet xhur.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandha tapplika l-proċedura stipulata fl-Artikoli 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, u jkun kunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

#### Artikolu 8

##### Implimentazzjoni tan-NACE Rev. 2

1. L-unitajiet statistiċi msemija fir-reġistri tan-negozju, kif imwaqfa bir-Regolament (KEE) Nru 2186/93, għandhom ikunu kklassifikati skond in-NACE Rev. 2.

2. L-istatistika li tirreferri għall-attivitajiet ekonomiċi mwettqa mill-1 ta' Jannar 2008 'il quddiem għandha tkun prodotta mill-Istati Membri bl-użu tan-NACE Rev. 2 jew bi klassifikazzjoni nazzjonali li toħroġ minnha skond l-Artikolu 4.

3. B'deroga għall-paragrafu 2, l-istatistika għal żmien qasir irregolata mir-Regolament (KE) Nru. 1165/98 u l-indiċi ta' l-ispejjeż tax-xogħol irregolat mir-Regolament (KE) Nru. 450/2003 għandhom isiru bl-użu tan-NACE Rev. 2 mill-1 ta' Jannar 2009.

4. Id-dispożizzjoni tal-paragrafu 2 m'għandhiex tapplika għall-produttazzjoni ta' l-istatistika li ġejja:

- (a) l-istatistika tal-Kontabilità Nazzjonali taħt ir-Regolament (KE) Nru 2223/96;
- (b) kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura skond ir-Regolament (KE) Nru. 138/2004; u
- (ċ) l-istatistika dwar il-bilanċ tal-ħlasijiet, il-kummerċ internazzjonali fis-servizzi u l-investiment dirett barrani taħt ir-Regolament (KE) Nru 184/2005.

#### TAQSIMA II

##### EMENDI TA' L-ATTI RELATATI

#### Artikolu 9

##### Emendi tar-Regolament (KEE) Nru 3037/90

L-Artikoli 3, 10, u 12 tar-Regolament (KEE) Nru 3037/90 għandhom jitħassru.

#### Artikolu 10

##### Emenda tar-Regolament (KEE) Nru 3924/91

Ir-Regolament (KEE) Nru 3924/91 għandu b'dan ikun emendat kif ġej:

- (1) Ir-"Rev.1 tan-NACE" għandha tinbidel bin-"NACE Rev. 2" fit-test kollu.
- (2) L-Artikolu 2(1) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-qasam kopert bl-istħarriġ imsemmi fl-Artikolu 1 għandu jkun dak ta' l-attivitajiet fit-taqsimiet B u Ċ tal-klassifikazzjonijiet ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE Rev. 2)".

#### Artikolu 11

##### Emenda tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 58/97

Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 58/97 għandu b'dan ikun emendat kif ġej:

- (1) "NACE Rev.1" għandha tinbidel b'"NACE Rev.2" fit-testi u l-annessi kollha salv l-Anness 1, Taqsima 10 'Rapporti u studji pilota', l-Anness 3, Taqsima 5 'L-ewwel sena ta' referenza' u l-Anness 3, Taqsima 9 'Rapporti u studji pilota' fejn ir-referenza għar-"NACE Rev.1" għandha tinżamm.
- (2) L-Artikolu 3 (1) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Dan ir-Regolament għandu jkopri l-attivitajiet kollha tas-suq fit-Taqsimiet minn B sa N u minn P sa S tal-klassifikazzjoni ta' l-istatistika fir-rigward ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE Rev. 2)."

- (3) L-Annessi għandhom ikunu emendati skond l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 12

##### Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1165/98

Ir-Regolament (KE) Nru 1165/98 għandu b'dan ikun emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 2 (1) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-attivitajiet kollha tas-suq fit-Taqsimiet minn B sa N u minn P sa S tal-klassifikazzjoni ta' l-istatistika fir-rigward ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE Rev. 2)."

- (2) Fl-Artikolu 17, għandhom jiżiedu il-punti li ġejjin:

"(k) l-ewwel sena ta' bażi li għandha tkun applikata għas-sensjoni kronoloġiċi fin-NACE Rev. 2

(l) għas-serje ta' żmien qabel l-2009, li għandha tkun trażmessa skond in-NACE Rev. 2, il-livell ta' dettal, il-formola, l-ewwel perjodu ta' referenza, u l-perjodu ta' referenza".

- (3) L-Annessi għandhom ikunu emendati skond l-Anness III ta' dan ir-Regolament.



*Artikolu 13***Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1172/98**

Fir-Regolament (KE) Nru 1172/98 il-kliem "NACE Rev. 1" u "NACE Rev. 1.1" għandhom jinbidlu b'"NACE Rev. 2" fit-test kollu u fl-annessi.

*Artikolu 14***Emenda tar-Regolament (KE) Nru 530/1999**

Ir-Regolament (KE) Nru 530/1999 għandu b'dan ikun emendat kif ġej:

- (1) "NACE Rev. 1" għandu jinbidel b'"NACE Rev. 2" fit-test kollu.
- (2) Fl-Artikolu 3:
  - (a) il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-istatistika għandha tkopri l-attivitajiet ekonomiċi kollha mfissra fit-taqsimiet B (Minjieri u barrieri), Ċ (Manifattura), D (Provvista ta' Elettriku, gass, fwar u arja kkondizzjonata), E (Provvista ta' ilma; sistemi ta' drenaġġi, ġestjoni ta' skart u attivitajiet ta' rimedjazzjoni), F (Kostruzzjoni), G (Negozju bl-ingrossa u bl-imnut; tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi), H (Trasport u ħżin), I (Akkomodazzjoni u attivitajiet ta' servizz marbuta ma' l-ikel), J (Attivitajiet ta' l-informatika u l-komunikazzjoni), K (Attivitajiet finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni), L (Attivitajiet marbuta ma' propjetà immobbli), M (Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi), N (Attivitajiet amministrattivi u ta' servizz ta' sostenn), P (Edukazzjoni), Q (Attivitajiet ta' saħħa tal-bniedem u ta' xogħol soċjali), R (Attivitajiet ta' arti, divertiment u rikreazzjoni) u S (Attivitajiet oħra ta' servizz) tal-klassifikazzjoni ta' l-istatistika fir-rigward ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE Rev. 2)";

- (b) il-paragrafu 2 għandu jitħassar.

*Artikolu 15***Emenda tar-Regolament (KE) Nru 2150/2002**

Ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 għandu b'dan ikun emendat kif ġej:

- (1) "NACE Rev. 1" għandu jinbidel b'"NACE Rev. 2" fit-test kollu u fl-annessi.
- (2) L-Anness I għandu jkun emendat skond l-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 16***Emenda tar-Regolament (KE) Nru 450/2003**

Ir-Regolament (KE) Nru 450/2003 għandu b'dan ikun emendat kif ġej:

- (1) "NACE Rev. 1" għandu jinbidel b'"NACE Rev. 2" fit-test kollu.

- (2) L-artikolu 3 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 3

**Ambitu**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-attivitajiet kollha mfissra fit-taqsimiet B sa S tan-NACE Rev. 2.

2. L-inklużjoni ta' l-attivitajiet ekonomiċi mfissra fin-NACE Rev. 2 taqsimiet O sa S fl-ambitu ta' dan ir-Regolament għandha tkun iddeterminata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2), b'mod li jingħata kas ta' l-istudji ta' fattibilità mfissra fl-Artikolu 10."

- (3) L-Artikolu 5 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 5

**Frekwenza u data b'lura**

1. Id-data għal-LCI għandha l-ewwel tinġabar skond in-NACE Rev. 2 għall-ewwel tliet xhur ta' l-2009, u wara dan għal kull tliet xhur (il-perjodi jittieħdu sal-31 ta' Marzu, it-30 ta' Ġunju, it-30 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru ta' kull sena).

2. Data b'lura mill-ewwel tliet xhur ta' l-2000 sar-raba' perjodu ta' tliet xhur ta' l-2008 għandha ssir disponibbli mill-Istati Membri. Id-data b'lura għandha tiġi provduta għal kull waħda mit-taqsimiet B sa N tan-NACE Rev. u għall-punti ta' l-ispejjeż tax-xogħol msemmija fl-Artikolu 4(1)."

- (4) L-Artikolu 6(3) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"3. Id-data b'lura msemmija fl-Artikolu 5 għandha tkun trażmessa lill-Kummissjoni (Eurostat) fl-istess ħin bħall-LCI għall-ewwel tliet xhur ta' l-2009."

- (5) Fl-Artikolu 11, il-punt (ċ) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(ċ) inklużjoni tan-NACE Rev. 2, minn taqsimiet O sa S (Artikolu 3);"

*Artikolu 17***Emenda tar-Regolament (KE) Nru 48/2004**

L-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 48/2004 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Dan ir-Regolament għandu jkopri d-data fuq l-industrija ta' l-azzar, li hija mfissra bħala grupp 24.1 tal-klassifikazzjoni ta' l-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE Rev. 2)."

*Artikolu 18***Emenda tar-Regolament (KE) Nru 808/2004**

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 808/2004 għandu jkun emendat skond l-Anness V ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 19

**Emenda tar-Regolament (KE) Nru. 1552/2005**

Ir-Regolament (KE) Nru 1552/2005 għandu b'dan ikun emendat kif ġej:

- (1) "Rev. 1.1 tan-NACE" għandu jinbidel b'"Rev. 2 tan-NACE" fit-test kollu.
- (2) L-Artikolu 2(2) għandu jitħassar.
- (3) L-Artikolu 4 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 4

**Ambitu ta' l-istatistika**

L-istatistika fuq it-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi għandha tkopri għall-inqas l-attivitajiet ekonomiċi kollha mfissra fit-taqsimiet minn B sa N u minn R sa S tan-NACE Rev. 2."

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 20 ta' Diċembru 2006.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

## TAQSIMA III

**DISPOŻIZZJONIJET FINALI**

## Artikolu 20

**Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

Meta jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 58/97, l-Istati Membri għandhom jitrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) l-istatistika strutturali dwar in-negozju b'referenza għas-sena kalendarja 2008 skond kemm in-NACE Rev. 1.1 kif ukoll in-NACE Rev. 2.

Għal kull wieħed mill-Annessi għar-Regolament (KE, Euratom) Nru 58/97, l-eleku ta' karatteristiċi u d-diviżjonijiet meħtieġa li għandhom jiġu trażmessi skond in-NACE Rev. 1.1 għandhom ikunu deċiżi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 ta' dak ir-Regolament.

## Artikolu 21

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

J. KORKEAOJA

## ANNEX I

## REV. 2 TAN-NACE

*n.e.c. : li ma huma kklassifikati fl-ebda post ieħor**\*parti minn*

Diviżjoni	Grupp	Katego- rija		Rev. 4 ta' l- ISIC	
01	01.1		TAQSIMA A – AGRIKOLTURA, FORESTRIFA U SAJD		
			Produzzjoni ta' ghelejjet u annimali, kaċċa u attivitajiet relatati		
			Tkabbir ta' ghelejjet mhux perenni		
		01.11	Tkabbir ta' qmuħ (għajr ross), legumi u żrieragħ żejtnija	0111	
		01.12	Tkabbir ta' ross	0112	
		01.13	Tkabbir ta' ħxejjex u bettiegħ u dulliegħ, ħxejjex ikkultivati għall-għeruq tagħhom (bħaz-zunnarija u l-pitravi) u tuberi	0113	
		01.14	Tkabbir ta' kannamieli	0114	
		01.15	Tkabbir ta' tabakk	0115	
		01.16	Tkabbir ta' ghelejjet fibrużi	0116	
		01.19	Tkabbir ta' ghelejjet oħra mhux perenni	0119	
		01.2		Tkabbir ta' ghelejjet perenni	
			01.21	Tkabbir ta' għeneb	0121
			01.22	Tkabbir ta' frott tropikali u subtropikali	0122
			01.23	Tkabbir ta' frott taċ-ċitru	0123
			01.24	Tkabbir ta' frott pomaċi u frott bl-għadma	0124
			01.25	Tkabbir ta' frott ieħor tas-siġar u ta' l-arbuxxell u ġewż	0125
			01.26	Tkabbir ta' frott żejtni	0126
			01.27	Tkabbir ta' ghelejjet li minnhom isiru xarbiet	0127
			01.28	Tkabbir ta' ħwawar, ghelejjet aromatiċi, ghelejjet mediċinali u ghelejjet farmaċewtiċi	0128
	01.29		Tkabbir ta' ghelejjet perenni oħra	0129	
	01.3	Propagazzjoni ta' pjanti			
	01.30	Propagazzjoni ta' pjanti	0130		
	01.4		Produzzjoni ta' annimali		
		01.41	Trobbija ta' frat tal-ħalib	0141*	
		01.42	Trobbija ta' frat oħra u bufli	0141*	
		01.43	Trobbija ta' żwiemel u ekwini oħra	0142	
		01.44	Trobbija ta' iġmla u kamelidi oħra	0143	
		01.45	Trobbija ta' nagħaġ u mogħoż	0144	
		01.46	Trobbija ta' majjali/annimali ta' l-istess speċi	0145	
		01.47	Trobbija ta' tjur	0146	
		01.49	Trobbija ta' annimali oħra	0149	
		01.5	Biedja mħallta		
	01.50	Biedja mħallta	0150		
01.6		Attivitajiet ta' sostenn għall-agrikoltura u attivitajiet ta' wara l-ħsad			
	01.61	Attivitajiet ta' sostenn għall-produzzjoni ta' ghelejjet	0161		
	01.62	Attivitajiet ta' sostenn għall-produzzjoni ta' annimali	0162		
	01.63	Attivitajiet ta' wara l-ħsad	0163		
	01.64	Ipproċessar taż-żerriegħa għall-propagazzjoni	0164		
	01.7		Kaċċa, insib u attivitajiet ta' servizz relatati		
01.70		Kaċċa, insib u attivitajiet ta' servizz relatati	0170		
02		Forestrija u qtuġh u trasport ta' siġar għall-injam			
	02.1		Silvikultura u attivitajiet oħra tal-forestrija		
		02.10	Silvikultura u attivitajiet oħra tal-forestrija	0210	
	02.2		Qtuġh u trasport ta' siġar għall-injam		
		02.20	Qtuġh u trasport ta' siġar għall-injam	0220	
	02.3		Ġbir ta' prodotti mhux ta' l-injam li jikbru fis-salvaġġ		
		02.30	Ġbir ta' prodotti mhux ta' l-injam li jikbru fis-salvaġġ	0230	

Diviżjoni	Grupp	Katego- rija	<i>n.e.c. : li ma huma kklassifikati fl-ebda post ieħor</i>	<i>*parti minn Rev. 4 ta' l- ISIC</i>	
03	02.4	02.40	Servizzi ta' sostenn għall-forestrija Servizzi ta' sostenn għall-forestrija Sajd u akwakultura	0240	
	03.1		Sajd		
		03.11	03.11	Sajd fil-baħar	0311
	03.2	03.12	03.12	Sajd fl-ilma ħelu	0312
				Akwakultura	
		03.21	03.21	Akwakultura tal-baħar	0321
03.22		03.22	Akwakultura ta' l-ilma ħelu	0322	
05			TAQSIMA B – MINJERI U BARRIERI Qtugħ ta' faħam u faħam kannella mill-minjieri		
	05.1		Qtugħ ta' faħam iebes mill-minjieri		
	05.10	05.10	Qtugħ ta' faħam iebes mill-minjieri	0510	
06	05.2		Qtugħ ta' faħam u faħam kannella mill-minjieri		
	05.20	05.20	Qtugħ ta' faħam u faħam kannella mill-minjieri	0520	
			Estrazzjoni ta' żejt mhux irraffinat u gass naturali		
07	06.1		Estrazzjoni ta' żejt mhux irraffinat		
	06.10	06.10	Estrazzjoni ta' żejt mhux irraffinat	0610	
	06.2		Estrazzjoni ta' gass naturali		
08	06.20	06.20	Estrazzjoni ta' gass naturali	0620	
	07.1		Qtugħ ta' metall mill-minjieri		
	07.10	07.10	Qtugħ ta' ħadid mill-minjieri	0710	
	07.2		Qtugħ ta' metall mhux ferruż mill-minjieri		
09	07.21	07.21	Qtugħ ta' uranju u torju mill-minjieri	0721	
	07.29	07.29	Qtugħ ta' metall ieħor mhux ferruż mill-minjieri	0729	
			Minjieri u barrieri oħra		
	08.1		Qtugħ ta' ġebel, ramel u tafal mill-barrieri		
	08.11	08.11	Qtugħ ta' ġebel ornamentali u ġebel tal-bini, ġebel tal-franka, gypsum, ġibs, u lavanja	0810*	
	08.12	08.12	Operazzjoni ta' fosos taż-żrar u r-ramel; qtugħ ta' tafal u kawlina mill-minjieri	0810*	
	08.9		Minjieri u barrieri n.e.c.		
10	08.91	08.91	Qtugħ ta' minerali kimiċi u fertilizzanti mill-minjieri	0891	
	08.92	08.92	Estrazzjoni ta' pit	0892	
	08.93	08.93	Estrazzjoni ta' melħ	0893	
	08.99	08.99	Minjieri u barrieri oħra n.e.c.	0899	
			Attivitajiet ta' sostenn għall-minjieri		
10	09.1		Attivitajiet ta' sostenn għall-estrazzjoni taż-żejt u l-gass naturali		
	09.10	09.10	Attivitajiet ta' sostenn għall-estrazzjoni għaż-żejt u l-gass naturali	0910	
	09.9		Attivitajiet ta' sostenn għal minjieri u barrieri oħra		
	09.90	09.90	Attivitajiet ta' sostenn għal minjieri u barrieri oħra	0990	
10			TAQSIMA Ċ – MANIFATTURA Manifattura ta' prodotti ta' l-ikel		
	10.1		Ipproċessar u priservar ta' laħam u produzzjoni ta' prodotti tal-laħam		
	10.11	10.11	Ipproċessar u priservar ta' laħam	1010*	
	10.12	10.12	Ipproċessar u priservar ta' laħam tat-tjur	1010*	
	10.13	10.13	Produzzjoni ta' laħam u prodotti ta' laħam tat-tjur	1010*	
	10.2		Ipproċessar u priservar ta' ħut, krustacċi u molluski		
	10.20	10.20	Ipproċessar u priservar ta' ħut, krustacċi u molluski	1020	
	10.3		Ipproċessar u priservar ta' frott u ħxejjex		
	10.31	10.31	Ipproċessar u priservar ta' patata	1030*	
10.32	10.32	Manifattura ta' meraq tal-frott u tal-ħxejjex	1030*		



Diviżjoni	Grupp	Katego- rija	n.e.c. : li ma huma kklassifikati fl-ebda post ieħor	
				*parti minn Rev. 4 ta' l- ISIC
11	10.4	10.39	Ipproċessar u ppreservar ieħor ta' frott u ħxejjex	1030*
			Manifattura ta' żjut u xaħmijiet veġetali u mill-annimali	
	10.5	10.41	Manifattura ta' żjut u xaħmijiet	1040*
		10.42	Manifattura ta' marġerina u xaħmijiet simili li jittieklu	1040*
	10.6		Manifattura ta' prodotti tal-ħalib	
		10.51	Operazzjoni ta' mħaleb u manifattura ta' ġobon	1050*
	10.7	10.52	Manifattura ta' ġelat	1050*
			Manifattura ta' prodotti ta' l-imtieħen tal-qmuħ, lamti u prodotti oħra tal-lamtu	
	10.8	10.61	Manifattura ta' prodotti ta' l-imtieħen tal-qmuħ	1061
		10.62	Manifattura ta' lamti u prodotti oħra tal-lamtu	1062
	10.9	10.7	Manifattura ta' prodotti tal-furnara u magħmula bid-dqiq	
		10.71	Manifattura ta' ħobż; manifattura ta' oġġetti ta' l-għaġina u pasti friski	1071*
	10.9	10.72	Manifattura ta' biskuttelli u gallettini; manifattura ta' oġġetti ta' l-għaġina u pasti ppriservati	1071*
		10.73	Manifattura ta' mqarrun, taljarini, kuskus u prodotti oħra simili ta' l-għaġina	1074
	10.9	10.8	Manifattura ta' prodotti oħra ta' l-ikel	
		10.81	Manifattura ta' zokkor	1072
	10.9	10.82	Manifattura ta' ħelu tal-kawkaw, ċikkulata u zokkor	1073
		10.83	Ipproċessar ta' te u kafe	1079*
	10.9	10.84	Manifattura ta' kondimenti u ħwawar	1079*
		10.85	Manifattura ta' ikliet u platti lesti	1075
	10.9	10.86	Manifattura ta' preparazzjonijiet ta' l-ikel omoġenizzati u ikel dietetiku	1079*
		10.89	Manifattura ta' prodotti oħra ta' l-ikel n.e.c.	1079*
	10.9	10.9	Manifattura ta' għalf għall-annimali lest	
		10.91	Manifattura ta' għalf għal annimali ta' l-irziezet lest	1080*
	10.9	10.92	Manifattura ta' ikel lest għall-annimali domestiċi	1080*
		11.0	Manifattura ta' xarbiet	
	10.9	11.0	Manifattura ta' xarbiet	
		11.01	Distillazzjoni, rettifikazzjoni u taħlit ta' spirti	1101
	10.9	11.02	Manifattura ta' inbid mill-għeneb	1102*
		11.03	Manifattura ta' sidru u nbejjed oħra tal-frott	1102*
	10.9	11.04	Manifattura ta' xarbiet oħra ffermentati mhux iddistillati	1102*
		11.05	Manifattura ta' birra	1103*
	10.9	11.06	Manifattura ta' malt	1103*
		11.07	Manifattura ta' soft drinks; produzzjoni ta' ilmijiet minerali u ilmijiet oħra tal-fliexken	1104
	12	12.0	Manifattura ta' prodotti tat-tabakk	
		12.00	Manifattura ta' prodotti tat-tabakk	1200
	13	13.1	Manifattura ta' tessuti	
		13.10	Tħejjija u għażil ta' fibri tat-tessuti	1311
	13	13.2	Tħejjija u għażil ta' fibri tat-tessuti	
		13.20	Insiġ ta' tessuti	1312
	13	13.3	Insiġ ta' tessuti	
		13.30	Irfinar ta' tessuti	1313
	13	13.9	Irfinar ta' tessuti	
		13.91	Manifattura ta' drappijiet maħduma bil-labar (knitted) jew bil-ganċ (crocheted)	1391
	13	13.92	Manifattura ta' oġġetti tat-tessuti maħduma, għajr ilbies	1392
		13.93	Manifattura ta' twapet u twapet żgħar (rugs)	1393
	13	13.94	Manifattura ta' ċwiemi, ħbula, spag u xbieki	1394

n.e.c. : li ma huma kklassifikati fl-ebda post ieħor			*parti minn		
Diviżjoni	Grupp	Katego- rija	Rev. 4 ta' l- ISIC		
14	14.1	13.95	Manifattura ta' oġġetti mhux minsuġa u oġġetti oħra magħmula minn oġġetti mhux minsuġa, għajr lbies	1399*	
		13.96	Manifattura ta' tessuti tekniċi u industrijali	1399*	
		13.99	Manifattura ta' tessuti oħra n.e.c.	1399*	
			Manifattura ta' ħwejjeġ li jintlibsu		
			Manifattura ta' ħwejjeġ li jintlibsu, għajr lbies tal-fer		
			14.11	Manifattura ta' ħwejjeġ tal-ġilda	1410*
			14.12	Manifattura ta' ħwejjeġ tax-xogħol	1410*
			14.13	Manifattura ta' ħwejjeġ oħra ta' fuq	1410*
			14.14	Manifattura ta' ħwejjeġ ta' taħt	1410*
			14.19	Manifattura ta' ħwejjeġ oħra li jintlibsu u aċċessorji	1410*
15	14.2		Manifattura ta' oġġetti tal-fer		
		14.20	Manifattura ta' oġġetti tal-fer	1420	
		14.3	Manifattura ta' lbies maħdum bil-labar u bil-ganċ		
		14.31	Manifattura ta' maljerija maħduma bil-labar u bil-ganċ	1430*	
15	14.39		Manifattura ta' lbies maħdum bil-labar u bil-ganċ	1430*	
			Manifattura ta' prodotti tal-ġilda u prodotti relatati		
		15.1	Kunzatura u rfinar ta' ġilda; manifattura ta' bagalji, hendbegs, oġġetti tas-sarraġ u xedd; irfinar u żbigħ ta' fer		
		15.11	Kunzatura u rfinar ta' ġilda; kunzatura u rfinar ta' fer	1511	
16	15.12		Manifattura ta' bagalji, hendbegs u oġġetti bħal dawn, oġġetti tas-sarraġ u xedd	1512	
		15.2	Manifattura ta' xedd tas-saqajn		
		15.20	Manifattura ta' xedd tas-saqajn	1520	
		16.1	Manifattura ta' injam u ta' prodotti ta' l-injam u tas-sufra, għajr għamara; manifattura ta' oġġetti tat-tiben u materjal għall-immaljar		
17	16.1	16.10	Serrar u nċanar ta' njam	1610	
		16.2	Manifattura ta' prodotti ta' l-injam, sufra, tiben u materjal għall-immaljar		
		16.21	Manifattura ta' folji tal-veneer u pannelli ta' l-injam	1621	
		16.22	Manifattura ta' art tal-parké mmuntata	1622*	
		16.23	Manifattura ta' xogħol ta' injam ieħor tal-bennejja	1622*	
		16.24	Manifattura ta' kontenituri magħmula mill-injam	1623	
		16.29	Manifattura ta' prodotti oħra ta' njam; manifattura ta' oġġetti ta' sufra, tiben u materjal għall-immaljar	1629	
		17.1	Manifattura ta' karta u ta' prodotti tal-karta		
			Manifattura ta' polpa, karta u kartun		
			17.11	Manifattura ta' polpa	1701*
18	17.12		Manifattura ta' karta u kartun	1701*	
			Manifattura ta' oġġetti tal-karti u kartun		
		17.21	Manifattura ta' karta u kartun immewġa u ta' kontenituri magħmula mill-karti u l-kartun	1702	
		17.22	Manifattura ta' oġġetti tad-dar u tal-kamra tal-banju u ta' ħtiġiet tat-twaletta	1709*	
		17.23	Manifattura ta' kartolerija tal-karti	1709*	
		17.24	Manifattura ta' karta tal-ħajt	1709*	
18	17.29		Manifattura ta' oġġetti oħra tal-karti u l-kartun	1709*	
		18.1	Stampar u riproduzzjoni ta' midja rreġistrata		
			Attivitajiet ta' stampar u ta' servizz relatati ma' l-istampar		
		18.11	Stampar ta' gazzetti	1811*	
		18.12	Stampar ieħor	1811*	
		18.13	Servizzi bi tħejjija għall-istampar u bi tħejjija għall-midja	1812*	
18	18.14		Illegar u servizzi relatati	1812*	
		18.2	Riproduzzjoni ta' midja rreġistrata		
		18.20	Riproduzzjoni ta' midja rreġistrata	1820	

n.e.c. : li ma huma kklassifikati fl-ebda post ieħor				*parti minn
Diviżjoni	Grupp	Katego- rija		Rev. 4 ta' l- ISIC
19			Manifattura ta' kokk u prodotti taż-żejt irraffinat	
	19.1		Manifattura ta' prodotti tal-forn tal-kokk	
		19.10	Manifattura ta' prodotti tal-forn tal-kokk	1910
	19.2		Manifattura ta' prodotti taż-żejt irraffinat	
		19.20	Manifattura ta' prodotti taż-żejt irraffinat	1920
20			Manifattura ta' kimiċi u prodotti kimiċi	
	20.1		Manifattura ta' kimiċi bażiċi, fertilizzanti u taħlitiet tan-nitroġenu, plastik u lasktu sintetiku f'forom primarji	
		20.11	Manifattura ta' gassijiet industrijali	2011*
		20.12	Manifattura ta' koloranti u pigmenti	2011*
		20.13	Manifattura ta' kimiċi bażiċi oħra mhux organiċi	2011*
		20.14	Manifattura ta' kimiċi bażiċi oħra organiċi	2011*
		20.15	Manifattura ta' fertilizzanti u taħlitiet tan-nitroġenu	2012
		20.16	Manifattura ta' plastik f'forom primarji	2013*
		20.17	Manifattura ta' lasktu sintetiku f'forom primarji	2013*
	20.2		Manifattura ta' pestiċidi u prodotti oħra agrokimiċi	
		20.20	Manifattura ta' pestiċidi u prodotti oħra agrokimiċi	2021
	20.3		Manifattura ta' żebgħa, verniċ u kisi simili, inka ta' l-istampar u mastiċi	
		20.30	Manifattura ta' żebgħa, verniċ u kisi simili, inka ta' l-istampar u mastiċi	2022
	20.4		Manifattura ta' sapun u deterġenti, sustanzi għat-tindif u l-illustrar, fwejjaħ u preparazzjonijiet tat-twaletta	
		20.41	Manifattura ta' sapun u deterġenti, sustanzi għat-tindif u l-illustrar	2023*
		20.42	Manifattura ta' fwejjaħ u preparazzjonijiet tat-twaletta	2023*
	20.5		Manifattura ta' prodotti kimiċi oħra	
		20.51	Manifattura ta' splussivi	2029*
		20.52	Manifattura ta' kolol	2029*
		20.53	Manifattura ta' żjut essenzjali	2029*
		20.59	Manifattura ta' prodotti oħra kimiċi n.e.c.	2029*
	20.6		Manifattura ta' fibri magħmula mill-bniedem	
		20.60	Manifattura ta' fibri magħmula mill-bniedem	2030
21			Manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi bażiċi u sustanzi farmaċewtiċi	
	21.1		Manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi bażiċi	
		21.10	Manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi bażiċi	2100*
	21.2		Manifattura ta' sustanzi farmaċewtiċi	
		21.20	Manifattura ta' sustanzi farmaċewtiċi	2100*
22			Manifattura ta' prodotti tal-lasktu u tal-plastik	
	22.1		Manifattura ta' prodotti tal-lasktu	
		22.11	Manifattura ta' tajers u tubi tal-lasktu; riġenerazzjoni u rikostruzzjoni ta' tajers tal-lasktu	2211
		22.19	Manifattura ta' prodotti oħra tal-lasktu	2219
	22.2		Manifattura ta' prodotti oħra tal-plastik	
		22.21	Manifattura ta' platti, folji, tubi u profili tal-plastik	2220*
		22.22	Manifattura ta' oġġetti ta' l-ippakkjar magħmula mill-plastik	2220*
		22.23	Manifattura ta' oġġetti tal-plastik li jintużaw fil-bini	2220*
		22.29	Manifattura ta' prodotti oħra ta' plastik	2220*
23			Manifattura ta' prodotti oħra mhux metalliċi	
	23.1		Manifattura ta' ħġieġ u prodotti tal-ħġieġ	
		23.11	Manifattura ta' ħġieġ ċatt	2310*
		23.12	Iffurmar u pproċessar ta' ħġieġ ċatt	2310*
		23.13	Manifattura ta' ħġieġ imħaffer	2310*
		23.14	Manifattura ta' fibri tal-ħġieġ	2310*
		23.19	Manifattura u ipproċessar ta' ħġieġ ieħor, inkluż oġġetti tal-ħġieġ tekniċi	2310*

